10 ta' April, 1946.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Joseph Gasan et. *versus* Joseph Anastasi pr. et ne. et.

**"Pools" — Distribuzzjoni tal-Profitti — Ġurisdizzjoni — Konswetudini.**

*Kwalunkwe ċittadin jew assoċjazzjoni, bħala regola ġenerali, huma soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja sakemm ma jkunx hemm projbizzjoni fil-liġi stess jew ma jkunx hemm xi att tal-Gvern "jure imperii". Għalhekk il-"Pools" fl-attività tagħhom, bħal kwalunkwe korporazzjoni oħra, jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati meta jiġġjolaw id-drittijiet ta' ħadd ieħor.*

*Biex dritt jista' joħroġ mill-konswetudini hemm bżonn illi l-użanza*

*tkun ġenerali u ikun hemm anki l-assentiment taċitu tal-leġislatur, u għalhekk l-użu jkun daħal bħala liġi peress li kien hemm dak l-assentiment.*

*Meta ġew kostitwiti l-"Pools" fi żmien l-emerġenza, il-Gvern ma ndaħlilhomx dwar kif jaqsmu l-profitti bejniethom; u għalhekk il-pretensjoni ta' l-attur fil-każ preżenti, illi kull membru tal-"Pool" kellu jipparteċipa mill-profitti a proporzjon ta' l-attività tiegħu kummerċjali fil-ġeneru relattiv fiż-żmien ta' qabel, ġiet respinta għar-raġuni illi l-membri tal-"Pool" fil-kwistjoni kienu ddeċidew b'mod legali illi l-profitti kellhom jinqasmu fi kwoti ndaqs bejn il-membri kollha tal-"Pool".*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremettew li fix-xahar ta' Mejju 1944, il-"Food and Commerce Control Officer" ta istruzzjonijiet sabiex jiġi kostitwit "Pool" ta' l-importaturi ta' "Commercial Vehicles"; li wara dawn l-istruzzjonijiet il-kontendenti ltaqgħu fil-21 ta' Settembru 1944, sabiex, fost affarijiet oħra, jiġu allokati l-kwoti ta' komparteċipazzjoni ta' kull membru fl-imsemmi "Pool", li ġie msejjaħ "Commercial Vehicles Importers' Association", u wara jiġu approvati r-regolamenti li bihom kellha titmexxa dina l-assoċjazzjoni; li f'dik is-seduta l-maġġjoranza tal-preżenti ddeċidiet illi l-komparteċipazzjoni tal-kontendenti fl-imsemmija "association" kellha tkun fi kwoti ugwali: illi l-iskop tal-formazzjoni ta' din l-"association", kif huwa tal-pools kollha formati fuq istruzzjonijiet tal-Gvern Ċivili, huwa dak illi l-komparteċipanti jkollhom sehem mill-profitti u mill-perditi kalkolati in bażi għall-attività tagħhom kummerċjali waqt il-perijodu bejn is-sena 1935 u s-sena 1939, u għalhekk dik id-deċiżjoni hija ta' preġudizzju għall-interessi tagħhom, li ma jistgħux iċedu favur ħaddieħor parti mis-sehem dovut lilhom mingħajr il-kunsens tagħhom; u talbu li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa, u speċjalment dik tan-nullità tad-deċiżjoni meħuda b'sempliċi maġġjoranza f'seduta tal-21 ta' Settembru 1944, fis-sens illi l-komparteċipazzjoni fil-profitti u fil-perditi bejn il-membri komponenti l-"Commercial Vehicles Importers' Association" għandha tkun fi

*kwoti ugwali*, u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat u deċiż illi konformement għall-iskop li għalih qiegħda tiġi kostitwita din l-"Association", u in difett ta' ftehim unanimi in kuntrarju, il-komparteċipazzjoni għandha tkun regolata fuq il-bażi ta' l-attività kummerċjali ta' kull wieħed fil-perijodu bejn is-sena 1935 u s-sena 1939. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fid-29 ta' Ottubru 1945, fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, u ċaħdet it-talba bl-ispejjeż kontra l-atturi; wara li kkunsidrat;

Illi meta ġie ffurmat il-pool in kwistjoni l-Gvern ma impona ebda kondizzjoni speċjali fuq il-kwoti, u għalhekk il-*kondizzjonijiet* kellhom jagħmluhom l-interessati, li ftehmu unanimament illi d-deliberazzjonijiet kellhom jittieħdu bil-voti tal-maġġjoranza, u għalhekk anki fuq il-kwoti d-deċiżjoni tal-maġġjoranza torbot l-interessati; għalhekk il-lum l-atturi għandhom joqgħodu għal dak li ġie stabbilit, u għalhekk it-talba ma għandhiex bażi; iżda hija anki mingħajr bażi l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata fissens li tiġi revokata fejn irrespinġiet it-talba ta' l-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom, u konfermata għall-kumplament, billi jiġi deċiż skond id-domandi ta' l-atturi bl-ispejjeż tażżewġ istanzi;

*Omissis:*

Tikkunsidra fuq l-appell inċidentali;

Illi l-lament ta' l-appellati huwa illi l-Ewwel Qorti ma laqgħetx l-eċċezzjoni tagħhom tad-difett ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati fuq dina l-kwistjoni. Din l-eċċezzjoni, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, hija mingħajr bażi, għaliex kwalunkwe ċittadin jew assoċjazzjoni, bħala regola ġenerali, huma suġġetti għas-sindakat tal-Qrati tal-Ġustizzja, kif dejjem ġie ritenut minn dawn il-Qrati, sakemm ma jkunx hemm projbizzjoni fil-liġi stess, jew ma jkunx att tal-Gvern "jure imperi".

F'dan il-każ dawn il-pools fl-attività tagħhom, bħal kwalunkwe korporazzjoni oħra, jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati meta jivvjolaw drittijiet ta' ħaddieħor;

Tikkunsidra fuq l-appell principali;

Illi l-atturi preċiżament għamlu din l-azzjoni għaliex jippretendu illi d-dritt tagħhom ġie vjolat minħabba d-deliberazzjoni li kienet saret fuq l-"allotment" tal-profitti bejn id-diversi membri li jikkostitwixxu l-pool. Però biex jiġi eżaminat jekk dritt ġiex vjolat, huwa meħtieġ illi qabel xejn jiġi pruvat li kien hemm dak id-dritt li l-atturi appellanti qegħdin igħidu li ġie vjolat;

Tikkunsidra;

Illi peress dan id-dritt ma ġiex pruvat minn ebda liġi jew regolament, u minn ebda konvenzjoni, l-appellanti jridu jimpernjawh fil-konswetudini, peress illi 'pools' simili ta' ġeneri oħra ħadu bħala bażi l-attività ta' kull membru fil-'pool' għas-snin ta' qabel il-gwerra mill-1935 sal-1940. Iżda biex dan id-dritt joħroġ mill-konswetudini, huwa meħtieġ li din l-użanza kienet ġenerali għall-'pools' kollha, mentri ġie pruvat illi kien hemm xi 'pools' li ma osservawx dik ir-regola. Irriżulta wkoll f'kawżi oħra ta' l-istess ġeneru ta' 'pools' illi dik ir-regola ġiet stabbilita bi ftehim tal-membri stess, u għalhekk, fejn ġiet osservata, kienet bħala konsegwenza u in eżekuzzjoni tal-ftehim tal-membri stess, u mhux bħala konsegwenza ta' konswetudini;

Tikkunsidra:

Illi mbagħad, biex ikun hemm il-konswetudini, huwa meħtieġ ukoll li jkun hemm l-assentiment taċitu tal-leġislatur, u għalhekk l-użu jkun daħal bħala liġi peress li hemm anki dak l-assentiment. Issa f'dan il-każ, għalkemm kien desirabili illi l-Gvern, meta nvita l-formazzjoni ta' dawn il-pools, almenu jagħmel u jagħti l-bażi fondamentali tagħhom, iżda rriżulta mix-xhieda ta' Eustratio Petrococchino illi, għalkemm huwa kien jaħseb illi dan il-Pool kien sejjer jagħmel bħal pools oħra, iżda meta l-atturi rrappurtaw lilu kif sar f'dan il-każ u l-maġġjoranza kif iddeċidiet, huwa ma riedx jindaħal u ma bagħat ebda 'ruling' lill-membri tal-Pool fuq dina

l-kwistjoni. Huwa intuwitiv li kieku kien hemm dik il-konswetudini, jew kieku l-F.C.C.O. ra illi d-deċiżjoni tal-Pool hija kontra l-iskop għal *fejn* sar il-Pool, kien ċertament jindaħal u jagħti 'ruling' fuq din il-materja, jew inkella jxolji l-Pool;

Tikkunsidra;

Illi *mbagħad*, fl-*agenda tas-seduta tal-21 ta' Settembru* 1944, kien hemm "item" li jgħid: "Establishment of basis of allocation of shares to members". Din ma għandhiex tfisser unikament *illi kienet intiża biex issir kummissjoni*, kif is-soltu jsir, għall-eżami tad-dokumenti tal-membri biex in bażi għad-deċiżjoni li tkun ġiet meħuda l-profitti jinqasmu skond ix-xogħol rispettiv tal-membri mill-1935 sal-1940, u jaraw kull *membru kemm* għandu jieħu, *iżda dik il-partita* għandha tiftiehem fis-sens illi l-membri qabel xejn kellhom jiddeċidu l-bażi tar-ripartizzjoni tal-profitti, kif difatti sar;

Tikkunsidra;

Illi mbagħad, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, meta qabel dan l-"item" il-membri stabbilew ir-"rules and regulations governing the association", fil-klawsola 12 qalu illi "all decisions at general meetings shall be *carried out* by majority of votes"; u peress illi l-"item" l-ieħor ta' l-istabiliment tal-bażi tad-diviżjoni tal-profitti kien ġie pospost, kienet *ħaġa intuwitiva* u evidenti illi dik il-klawsola 12 kellha neċessarjament tirregola anki dak l-"item". Allura kien il-mument, meta saret ir-regola illi l-votazzjoni fil-"general meetings" għandha tittieħed permezz ta' maġġjoranza, illi l-atturi jinsistu li jkun hemm eċċezzjoni għall-*partita ta'* l-istabbiliment tal-bażi tal-profitti;

Tikkunsidra;

Illi *ma* ġiex pruvat illi dak il-posponiment ta' dik il-*partita* — l-istabbiliment tal-bażi tal-profitti — sar għal xi inganu, għax, kif xehed..............;

Tikkunsidra;

Illi għalkemm forsi l-appellanti, mil-lat ekwitativ, jekk huma kienu l-akbar impurtaturi fil-ħames snin preċedenti għall-gwerra, kellhom raġun li jinsistu li dik tkun il-bażi, iżda

ma jidherx illi dan huwa ghalihom xi dritt ghaliex fin-nuqqas ta' regoli da parti tal-Gvern dik il-bażi kienet dejjem nieqsa. Hierġa minn ftehim bejn il-partijiet. F'każijiet bħal dawn, jekk il-Gvern deherlu illi s-sistema l-ieħor huwa iżjed ekwu, kien imissu ħa miżuri oħra biex ħadd ma jbati;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti,

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-appellati ta' difett ta' ġurisdizzjoni, bl-ispejjeż relativi kontra l-appellati; u tirrespinġi l-appell ta' l-atturi; u għalhekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fuq imsemmija; u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell ma jkunux taxxati, barra minn dawk fuq deċiżi; id-dritt tar-reġistru relativ jitħallas mill-appellanti.